MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Awwissu, 2005

Numru 743/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ALEXANDER GRECH**

**VS**

**NIKOLINA PANOVAN;**
**MARYA MARINOVA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Nikolina Panovan ta’ 20 sena, bint Tanio Urbanov Dok u Ivanka Yordanova Dokov, imwielda Plovdiv, Bulgaria nhar is-7 ta’ Dicebmru, 1985, u li toqghod fil-fond numru 413, Kennedy Nova Hotel, Gzira, detentrici ta’ passaport bulgaru bin-numru 335784338;

U Marya Marinova ta’ 25 sean, bint Marin Ivanov Tanev u Ivanka Yordanova Dokova, imwielda Karlova, Bulgaria

nhar it-23 ta’ Dicembru, 1982, u li toqghod fil-fond numru 412, Kennedy Nova Hotel, Gzira, detentricu ta’ passaport bulgaru bin-numru 34057419;

Akkuzati talli nhar it-22 ta’ Awissu, 2005, waqt li kienu gewwa l-hantu bl-isem ta’ *Next*, li jinsab fi Triq Zakkarija, il-Belt Valletta, ghall-habta tal-10.25am, ikkommettew serq ta’ portmoni li l-valur taghhom ma jaccedix is-somma ta’ Lm100.00 (mitt lira maltin) ghad-dannu ta’ Rachele Concetta Micallef, minn Hal-Balzan, liema serq jitqies bhala serq semoplici, bi ksur tal-Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija tal-imputati

U wara li l-istess imputati regghu kkonfermaw l-ammissjoni taghhom, wara li nghataw z-zmien rikjest mill-Ligi, din il-Qorti qed issib lill-imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti, u qiegheda tikkundannahom ghal xahar prigunerija, sospizi ghal sena, *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------